**PRIM'AWLA QORTI CIVILI**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 13 ta' Ottubru, 2016**

**Citazzjoni Nru: 1234/1993 AF**

**Emanuel Ellul fil-kwalità tieghu ta' Direttur ghan-nom u in rapprezentanza ta' Modern Plastics Containers Limited u b'nota tat-3 ta' Frar 1999 Mario Ellul u Alexandra Falzon Scerri assumew l-atti tal-kawza flok Emanuel Ellul li miet fil-mori tal-kawza**

**vs**

**Vincent Calleja f'ismu u f'isem id-ditta Kelly Imports**

Il-Qorti:

Rat iċ-ċitazzjoni tal-attur Emanuel Ellul fil-kwalità tiegħu ta' Direttur għan-nom u in rappreżentanza ta' Modern Plastics Containers Limited li permezz tagħha wara li ġie premess illi:

Id-ditta attrici dahlet f'kuntratt mal-konvenut ghall-konsenja ta' inka biex tigi wzata fuq crates manufatturati mid-ditta attrici.

Wara provi b'diversi tipi ta' inka, gie Malta rapprezentant tad-ditta estera li taghha il-konvenut huwa l-agent u dan issugerixxa li tintuza tip ta' inka maghrufa bl-isem Polydyne.

Waqt li kien hawn Malta, dan ir-rapprezentant ordna din it-tip ta' inka minghand il-konvenut ghall-uzu fuq il-crates tad-ditta attrici.

Eventwalment din l-inka waslet Malta u intuzat mid-ditta attrici ghall-printing tal-isem "Löwenbrau" fuq crates destinati lill-imsemmija ditta.

Irrizulta illi l-inka ma qabditx tajjeb mal-crates u bdiet titqaxxar, tant li d-ditta Löwenbrau irritornat il-crates li gew konsenjati lilha u d-ditta attrici kellha terga taffeg ic-crates u tirrmouldjhom mill-gdid u l-crates l-godda gew stampati ghand ditta ohra.

Id-ditta attrici kienet marbuta b'kuntratt mad-ditta Löwenbrau u, ghalhekk, kellha timmanifattura l-crates il-godda fi zmien qasir u tissubkuntrattja parti mix-xoghol u, ghalhekk, giet li sofriet danni ingenti kif ghandu jirrizulta ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Il-konvenut gie mitlub jirrifondi lid-ditta attrici d-danni li sofra, izda baqa' inadempjenti.

Intalbet din il-Qorti sabiex:

1. Ikun dikjarat responsabbli ghad-danni li sofriet id-ditta attrici minhabba nuqqasijiet fl-inka konsenjata.

2. Jigu likwidati d-danni li sofriet id-ditta attrici minhabba dan in-nuqqas.

3. Jigi kkundannat ihallas lid-ditta attrici s-somma hekk likwidata in linea ta' danni.

Bl-ispejjez, inkluzi dawn tal-ittra ufficjali tas-27 ta' Awwissu 1992, u tal-ittra interpellatorja tat-28 ta' Lulju 1993, u bl-imghaxijiet legali konta l-konvenut li hu ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-attur nomine li ddikjara illi:

Id-ditta attrici dahlet f'kuntratt mal-konvenut ghall-konsenja ta' inka biex tigi wzata fuq crates manufatturati mid-ditta attrici.

Wara provi b'diversi tipi ta' inka, gie Malta rapprezentant tad-ditta estera li taghha il-konvenut huwa l-agent u dan issugerixxa li tintuza tip ta' inka maghrufa bl-isem Polydyne.

Waqt li kien hawn Malta, dan ir-rapprezentant ordna din it-tip ta' inka minghand il-konvenut ghall-uzu fuq il-crates tad-ditta attrici.

Eventwalment din l-inka waslet Malta u intuzat mid-ditta attrici ghall-printing tal-isem "Löwenbrau" fuq crates destinati lill-imsemmija ditta.

Irrizulta illi l-inka ma qabditx tajjeb mal-crates u bdiet titqaxxar, tant li d-ditta Löwenbrau irritornat il-crates li gew konsenjati lilha u d-ditta attrici kellha terga taffeg ic-crates u tirrmouldjhom mill-gdid u l-crates l-godda gew stampati ghand ditta ohra.

Id-ditta attrici kienet marbuta b'kuntratt mad-ditta Löwenbrau u, ghalhekk, kellha timmanifattura l-crates il-godda fi zmien qasir u tissubkuntrattja parti mix-xoghol u, ghalhekk, giet li sofriet danni ingenti kif ghandu jirrizulta ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Il-konvenut gie mitlub jirrifondi lid-ditta attrici d-danni li sofra, izda baqa' inadempjenti.

Rat in-nota ta' eċċezzjonijiet tal-konvenut Vincent Calleja f'ismu u f'isem id-ditta Kelly Imports li permezz tagħha eċċepixxa illi:

Fin-negozju mal-attur noe, l-konvenut kien qed jagixxi bhala importatur ta' prodotti ta' ditta estera, u bejjiegh grossista tal-istess prodott u ghalhekk mhux responsabbli ghal kwalsiasi nuqqas intrinsikur fil-prodott minnu mibjugh, ghall-ghanijiet li ghalihom xtara l-prodott l-attur.

Bhal pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni il-prodott minnu mibjugh lid-ditta attrici il-linka in kwistjoni, huwa ta' kwalità tajba u adatta biex jintuza kif u ghar-raguni li huwa prodott u mibjugh kif dikjarat mid-ditta estera produttrici.

Il-konvenut mhux responsabbli ghad-danni sofferti mill-atturi noe peress illi dana naqas fil-modalità tal-applikazzjoni tal-linka lilu mibjugha, billi qabbad nies ta' bla esperjenza biex jesegwixxu x-xoghol u minhabba negligenza.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-konvenut f'ismu u f'isem id-ditta Kelly Imports li kkonferma illi:

Huwa importatur ta' prodotti manufatturati minn Malta u jbiegh l-istess prodotti bhala grossista.

Fost hwejjeg ohra huwa jimporta tipi ta' linka biex tigi applikata fuq diversi tipi ta' materjal inkluz fuq il-plastic.

Id-ditta attrici kienet xtrat tipi ta' 'linka' biex tuzaha fuq 'plastic crates', haga li ilha taghmilha.

Il-materjal mibjugh mill-konvenut pro et noe kien u huwa tajjeb biex jigi applikat fuq 'plastic crates' basta jigu segwiti l-istruzzjonijiet tad-ditta li timmanifattura l-istess prodott.

L-atturi noe kien informa lill-kovenut bil-problemi li kellu fil-produzzjoni tal-crater ghad-ditta "Löwenbrau", u d-ditta estera Sericol li tipproduci l-istess linka kienet baghtetr l-espert taghha biex jinvestiga u jassisti lill-attur.

Lil dan l-espert rrizultalu li kien l-attur nomine li kien qed juza hazin il-linka lilu mibjugha u mhux li l-linka kienet hazina. B'dan gie debitament mgharraf l-attur noe.

Barra minn hekk l-attur noe kien qabbad nies biex jesegwixxu x-xoghol li naqsu milli jsegwu l-istruzzjonijiet il-produttur u kien negligenti fl-intier xoghol tal-applikazzjoni tal-linka in kwistjoni.

Ghaldaqstant il-konvenut ma huwa bl-ebda mod responsabbli ghad-danni li l-attur seta' bata u m'ghandux ibati l-ispejjez.

Rat il-kontro talba tal-konvenut Vincent Calleja f'ismu u f'isem id-ditta Kelly Imports li taqra hekk:

Peress illi huwa kien biegh u kkonsenja lil Emanuel Ellul bhala direttur f'isem u ghan-nom ta' Modern Plastics Containers Limited ammont konsiderevoli ta' linka biex tigi applikata fuq tipi differenti ta' materjal, flimkien ma' materjal iehor relatat.

Peress illi d-ditta Modern Plastics Containers Limited ghandha thallas lil Vince Calleja pro et noe is-somma ta' sitt elef erba mija u hamsa u tmenin Liri Maltin u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm6485.25c) bhala prezz tal-istess merkanzija.

Peress illi minkejja li d-ditta attrici kienet hekk imsejjha biex thallas u baqghet inadempjenti.

Jghid ghaldaqstant l-attur noe il-ghaliex m'ghandux dina l-Onorabbli Qorti (1) tiddikjarah debitur tal-konvenut fl-ammont ta' Lm6485.25c u (2) tikkundannah jhallas l-istess somma lill-konvenut Vince Calleja pro et noe.

Bl-ispejjez u l-imghaxijiet legali kontra l-attur nomine li huma minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-konvenut f'ismu u f'isem id-ditta Kelly Imports li kkonferma illi:

Id-ditta attrici kienet taghmel u ghamlet ordnijiet ghax-xiri ta' linka u prodotti accessorji u relatati ghall-istampar fuq diversi tipi ta' materjal.

Id-ditta konvenuta bieghet u kkonsenjat ammont sostanzjali ta' dawn il-prodotti bid-ditta attrici.

Dawna l-oggetti jqumu l-prezz ta' sitt elef erba mija u hamsa u tmenin Liri Maltin u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm6485.25c).

Id-ditta attrici naqset minkejja interpellata li thallas l-intier somma.

Ghaldaqstant qed taghmel din il-kontro talba.

Rat in-nota ta' eċċezzjonijiet tal-attur Emanuel Ellul fil-kwalità tiegħu ta' direttur għan-nom u in rappreżentanza ta' Modern Plastics Containers Limited għat-talbiet rikonvenzjonali magħmula mill-konvenut li permezz tagħha eċċepixxa illi:

Il-kontro-talba tal-konvenut hija infondata fil-fatt u fid-dritt peress illi kif qed jirriklama l-attur fic-citazzjoni, il-konvenut hu debitur lejh ta' somma akbar in linea ta' danni.

F'kull kaz, is-somma talvolta dovuta lill-konvenut ghall-inka in kwistjoni hija anqas minn dik indikata mill-konvenut fil-kontro-talba tieghu.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tas-soċjetà attriċi għat-talbiet rikonvenzjonali magħmula mill-konvenut illi:

Il-pretensjoni tal-konvenut ghall-hlas tal-prezz tal-inka konsenjata lill-esponenti hija infondata peress illi l-esponenti sofra danni kbar minhabba l-inka ta' kwalità hazina li giet konsenjata lilu, u d-danni pretizi mill-esponenti jeccedu s-somma mitluba mill-konvenut.

F'kull kaz, u minghajr pregudizzju ghall-premess, l-ammont li jista' talvolta jkun dovut lill-konvenut, huwa naqas minn dak indikat mill-istess konvenut fil-kontro-talba tieghu.

Rat illi b'digriet tal-1 ta' Lulju 1997 din il-Qorti diversament presjeduta ħatret lill-avukat illum Maġistrat Dottor Francesco Depasquale bħala perit legali u b'digriet tat-3 ta' Diċembru 2012 din il-Qorti ħatret lill-avukat Dottor Gabrielle Buttigieg sabiex tissostitwixxi lil Maġistrat Depasquale peress illi ġie elevat għall-ġudikatura.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet.

Rat ir-relazzjoni tal-perit legali.

Rat li l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Ikkunsidrat illi permezz ta' din l-azzjoni, is-soċjetà attriċi qiegħda titlob lill-Qorti ssib illi konvenut huwa responsabbli għad-danni li soffriet minħabba nuqqasijiet fl-inka konsenjata lilha mill-konvenut u/jew id-ditta li huwa jirrappreżenta. Ġie mitlub ukoll sabiex il-Qorti tgħaddi għall-likwidazzjoni tad-danni kif ukoll sabiex il-konvenut f'ismu u f'isem id-ditta li huwa jirrappreżenta jiġi kkundannat iħallas lis-socjetà attriċi dik is-somma hekk likwidata.

Il-konvenut f'ismu u f'isem id-ditta Kelly Imports jilqa' għat-talbiet attriċi billi jgħid illi huwa biss aġent ta' prodott esteru lest, u għaldaqastant mhuwiex responsabbli għal kwalunkwe nuqqas intrinsiku tal-prodott, illi l-inka kienet ta' kwalità tajba, u li huwa mhuwiex responsabbli għad-danni peress illi kienet is-socjetà attriċi li naqset fil-modalità tal-applikazzjoni tal-inka kif ukoll illi s-socjetà attriċi kienet negliġenti. Il-konvenut ressaq kontro-talba peress illi ma tħallasx għall-prodotti kollha konsenjati lis-socjetà attriċi. Huwa għalhekk talab lill-Qorti sabiex tikkundanna lis-socjetà attriċi tħallas is-somma ta' Lm6,485.25, llum €15,107, rappreżentanti l-prezz dovut mis-socjetà attriċi għal dawn il-prodotti. B'risposta għall-kontro talba tal-konvenut f'ismu u f'isem id-ditta Kelly Imports, is-socjetà attriċi eċċepiet illi mhuwiex dovut ħlas peress illi huwa dovut lilha ammont akbar mingħand il-konvenut in linea ta' danni u li fi kwalunkwe każ is-somma dovuta hija inqas minn dik li qiegħed jitlob il-konvenut.

Mill-provi prodotti jirriżulta li s-socjetà attriċi kienet xtrat inka u prodotti oħra relatati mingħand il-konvenut u/jew d-ditta li huwa jirrappreżenta sabiex isir stampar ta' *logo* fuq kaxxi tal-plastik għall-kumpannija Löwenbrau Malta Limited. Din ma kienitx l-ewwel darba li s-socjetà attriċi xtrat u użat dawn il-prodotti mingħand il-konvenut però f'dan il-każ kienet l-ewwel darba li kellha bżonn tuża żewġ kuluri ta' inka partikolari u ċioè dawk tal-kulur blu u gold. Jirriżulta li meta l-kaxxi stampati u

lesti mis-socjetà attriċi bdew jiġu konsenjati lill-kumpannija Löwenbrau, din bdiet tirritorna l-maġġoranza lura lis-socjetà attriċi għaliex irriżultalha li l-istampar kien qiegħed jitqaxxar minn fuq il-kaxxi. Speċifikament, jirriżulta li l-problema kienet bl-istampar ta' inka bil-kulur blu. Dawn il-kaxxi kellhom jiġu 'remoulded' sabiex isiru mill-ġdid. Rappreżentanti tas-socjetà attriċi għamlu kuntatt dirett mas-socjetà estera li kienet timmanifattura din l-inka u ċioè d-ditta Sericol u wara li rappreżentant ta' Sericol issuġerixxa lis-socjetà attriċi biex tipprova l-inka *Nylobag* u din xorta waħda ma ħadmitx, rappreżentant ta' din id-ditta ċertu Kevin Rhodes ġie Malta sabiex jara għalfejn il-linka kienet qiegħda titqaxxar minn fuq dawn il-kaxxi. Wara li għamel evalwazzjoni tal-proċess huwa ssuġerixxa lis-socjetà attriċi sabiex tuża tip ta' inka differenti u fil-fatt hekk sar u l-inka ma baqgħetx titqaxxar aktar. Minħabba dan id-dewmien fil-proċess ta' stampar, is-socjetà attriċi kellha tqabbad lil ħaddieħor u ċioè il-kumpannija bl-isem ta' Articrafts Company Limited sabiex tkun f'pożizzjoni li tonora l-obbligi kuntrattwali tagħha li tistampa ċertu ammont ta' kaxxi f'ċertu ammont ta' żmien għall-kumpannija Löwenbrau.

Il-Qorti tibda biex tqis ix-xorta tal-azzjoni odjerna kif imposta fl-isfond tal-fattispecie tal-kaz in ezami u tqis illi kif ingħad minn din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza tagħha fl-ismijiet, Morina Aquasports Limited vs Eastern Star Limited, deċiża fil-31 ta' Mejju 2012:

> "*Illi fil-qasam tal-azzjonijiet kuntrattwali, mbagħad, jeżistu tliet għamliet ta' azzjoni miftuħa lix-xerrej: (a) l-azzjoni għar-riżoluzzjoni tal-kuntratt minħabba nuqqas ta' twettiq tal-kuntratt mill-parti l-oħra (l-azzjoni tal-annulament); (b) l-azzjoni tar-rexissjoni tal-kuntratt minħabba vizzju tal-kunsens jew żball fuq is-sustanza jew il-kwalitajiet essenzjali tal-ħaġa jew (ċ) l-azzjoni maħsuba taħt l-artikolu 1390, fejn il-ħaġa ma tkunx tal-kwalità miftehma. Fil-każ ta' kull waħda mill-aħħar żewġ għamliet ta' azzjoni, jekk jintlaqgħu, l-effett ikun li kollox jerġa lura għall-istat li kien qabel il-bejgħ*."

Fis-sentenza tagħha fl-ismijiet Ivan Zammit et vs J.J. Scerri Co Limited, deċiża fis-27 ta' Ottubru 2011, il-Qorti tal-Appell Inferjuri sostniet:

*"Illi għalhekk jirriżulta li l-azzjoni attriċi kif inhi mposta bħala azzjoni merament ta' danni ma għandha ebda bażi ġuridika u t-talbiet hemm kontenuti ma jistgħux jintlaqgħu peress illi tali azzjoni hi improponibbli, u dan dejjem fl-ambitu ta' azzjoni naxxenti minn bejgħ, fejn l-uniċi azzjonijiet li huma disponibbli għall-kompratur huma l-azzjoni dwar il-paċifiku pussess u difett latenti skond l-artikolu 1427 u l-azzjoni fuq indikata li l-oġġett mhux tal-kwalita` pattwita abbażi tal-artikolu 1390 tal-Kap 16.*

*Illi dan ġie kkonfermat fis-sentenza fl-ismijiet "Nadia Cassar et vs Charles Pace noe" (K. (JDC) 13 ta' Marzu 1995), fejn ingħad illi l-azzjoni ta' danni proposta mill-kompratur huma biss dawk elenkati fl-istess Kodiċi Ċivili taħt it-Taqsima 2, Titolu 6, Sub-titolu 4 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta, u dan abbażi tal-insenjament magħmul fis-sentenza "Scicluna vs Scerri" (K. 16 ta' Jannar 1958 – XLII.ii.855), fejn ingħad illi: "l-opinjoni preponderanti hija li si tratta ta' regoli speċjali li għandhom għalhekk jipprevalu għad-disposizzjonijiet ġenerali li jirregolaw il-kuntratti; u li la darba l-liġi stess iddeterminat l-effetti tal-vizzji, m'għandhomx jiġu mogħtija lix-xerrej, drittijiet, u lil venditur imposti oneri, akbar minn dawk indikati bil-liġi."*

*Illi tal-istess portata hija s-sentenza fl-ismijiet "Anthony McKay vs Alfred Cassar" (K. (JF) 10 ta' Diċembru 1992), fejn ġie kkonfermat li l-azzjoni ta' danni ma tistax tirnexxi minflok l-actio aestimatoria u/jew redhibitoria jew l-azzjoni skond l-artikolu 1390, u dan ġie kkonfermat fis-sentenza "JC Hydraulics Ltd vs Waste Control Services Limited" (P.A. (RCP) 28 ta' Ġunju 2001).*

*Illi fil-fatt fl-istess sentenza ġew affermati is-segwenti prinċipji u ċjoe' li minn dak fuq premess jirriżulta li per analogia u applikati l-prinċipji fuq esposti jirriżulta li:*

*(a) tali azzjonijiet fuq deskritti huma l-uniċi permessibbli lix-xerrej;*

*(b) it-talbiet tax-xerrej huma limitati għal dak li jiprovdu d-disposizzjoni tal-istess artikoli, b'dan għalhekk li f'kawża tan-natura ta' dik kontenuta fil-kontro-talba (f'dan il-każ ċitazzjoni) odjerna u abbażi tal-artikolu 1390 u/jew l-artikolu 1427 tal-Kap 16 kellha tintalab 'sine qua' non li:*

*(i) l-oġġett mhux tal-kwalità pattwita jew dikjarazzjoni ta' difett latenti;*

*(ii) talba għall-iffissar tal-prezz inqas u konsegwenti rifużjoni ta' parti tal-prezz li tirriżulta li hija in eċċess ta' dak stabbilit mill-Qorti jew li tingħata il-ħaġa lura u jintradd il-prezz, jew abbażi tal-artikolu 1390 jew li jirrifjuta l-ħaġa u jitlob id-danni jew jirċievi l-ħaġa bi prezz inqas fuq stima ta' periti."*

*Illi minn eżami tal-avviż tat-talba attriċi jirriżulta li din l-azzjoni saret biss abbażi ta' danni ex contractu skond il-prinċipji ġenerali tal-kuntratti u għalhekk għal kollox differenti u estraneja għal-liġi speċjali u azzjonijiet ad hoc permessibbli taħt il-kunċett ġuridiku ta' bejgħ jew tpartit skond kif ġie ritenut ukoll fis-sentenza "**Portelli vs Grima**" (A.C. 27 ta' Novembru 1957 – XLI.i.341)."*

F'dan is-sens ukoll wieħed isib is-sentenzi fl-ismijiet Joseph Aquilina noe vs Globe Electronics Ltd deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta fl-10 ta' Ottubru 2007, u Anthony Baldacchino vs George Mifsud et, deċiża mill-Qorti tal-Appell Inferjuri fl-24 ta' Jannar 2007. F'din l-aħħar kawża intqal b'mod ċar li '*trattandosi dejjem ta' allegat difett fil-ħaġa, ix-xerrej ma jistax jiskoġita rimedji oħra li l-liġi ma tipprovdilux f'materja ta' inadempiment kontrattwali ta' bejgħ.*' Bl-istess mod ippronunzjat ruħha il-Qorti tal-Appell fil-kawża fl-ismijiet L'Onda Ltd vs Ocean Way Co Ltd, deċiża fis-27 ta' Frar 2009 u Ray Pace et vs SN Properties Ltd, ukoll deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-5 ta' Diċembru 2014.

Finalment fis-sentenza tagħha fl-ismijiet G.T. Shirts Company Limited et vs Godwin Navarro imsemmija, din il-Qorti diversament presjeduta qalet hekk:

> "*Il-punt tat-tluq tal-azzjoni kien il-bejgħ magħmul mill-konvenut lill-atturi u għalhekk il-vinkolu ġuridiku hu dak ta' bejjiegħ kumpratur bir-regoli speċifiċi u esklussivi tal-istut tal-bejgħ. Ir-rimedju mitlub mill-atturi mingħajr ma jiġi allaċjat ma' dak id-dispost tal-liġi li jirreferi għall-obbligi tal-venditur hu għalhekk ġuridikament mankanti. Il-prinċipji ġenerali tal-kuntratti huma subordinati għal dawk speċjali li jirrigwardaw kuntratti speċifiċi msemmija fil-liġi. Hu biss fin-nuqqas ta' dawn il-liġijiet speċifiċi u speċjali li wieħed jista' jirrikorri għal prinċipji ġenerali waħedhom.*"

Isegwi għalhekk illi azzjoni għad-danni abbażi tal-prinċipji ġenerali tal-kuntratti ma tistax treġi f'każ bħal ma għandha quddiemha din il-Qorti llum.

Jibqa' biss li jiġi kkunsidrat jekk l-azzjoni tistax titmexxa taħt l-artikolu 1390 imsemmi li jgħid hekk:

> "*Jekk il-ħaġa li l-bejjiegħ iġib biex jikkunsinna ma tkunx tal-kwalità mwiegħda, jew ma tkunx bħall-kampjun li fuqu l-bejgħ ikun sar, ix-xerrej jista' jagħżel jew li jirrifjuta l-ħaġa u jitlob id-danni, jew li jirċievi l-ħaġa bi prezz anqas fuq stima ta' periti.*"

Il-Qorti kkunsidrat li l-ġurisprudenza tal-Qrati Tagħna hija fis-sens illi ż-żamma waħedha min-naħa tax-xerrej tal-ħaġa mixtrija mhijiex ta' xkiel għas-suċċess tal-azzjoni taħt l-artikolu 1390 tal-Kodiċi Ċivili, għaliex il-każijiet ivarjaw u huma dipendenti fuq iċ-ċirkostanzi ta' kif svolġew il-fatti (ara f'dan is-sens Morina Aquasports Limited vs Eastern Star Limited msemmija u Pawla sive Pauline Debono vs Burmarrad Commercials Limited C-13537, deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta fit-28 ta' Jannar 2010).

Iżda però, il-Qorti tqis li fil-każ illi għandha quddiemha llum, ma jirriżultax illi s-socjetà attriċi rrifjutat il-ħaġa kif trid il-liġi u kif insenjat fil-ġurisprudenza. Kif ikkonfermaw ix-xhieda li

ressqet is-socjetà attriċi, l-inka in kwistjoni mhux talli nżammet iżda talli ġiet utilizzata kollha, u kien biss wara li l-konvenut irrifjuta li jaċċetta prezz inqas għal din il-konsenja ta' inka li s-socjetà attriċi ressqet din l-azzjoni għad-danni. Filfatt, minkejja li jirriżulta li l-problemi bl-istampar in kwistjoni seħħew f'April u Mejju tas-sena 1992, din il-kawża ġiet intavolata f'Settembru tal-1993. Għaldaqstant din l-azzjoni għad-danni ma jirriżultax illi hija konsegwenzjali għar-rifjut tal-oġġett mibjugħ proprju għaliex kif diġà ngħad il-inka ma ġietx irrifjutata.

B'żieda ma dan, jirriżulta mit-talbiet attriċi li dak li qiegħda tippretendi qed tippretendih in linea ta' danni u mhux bħala evalwazzjoni mill-ġdid tal-valur u tnaqqis fil-prezz. Filfatt, ma saret ebda talba *ad hoc* da parti tas-socjetà attriċi sabiex jiġi stabbilit il-valur reali tal-inka bl-opra ta' periti. Għalhekk, azzjoni taħt l-artikolu 1390 imsemmi lanqas ma tista' tirnexxi f'dan il-każ.

Għaldaqstant, il-Qorti jirriżultalha li din l-azzjoni hija bbażata biss fuq azzjoni ta' danni mingħajr bażi legali għal tali danni li toħroġ mill-liġi tal-bejgħ, u konsegwentement it-talbiet attriċi huma improponibbli.

Stabbilit li t-talbiet attriċi huma legalment improponibbli, mhuwiex neċessarju li dawn it-talbiet jiġu kkunsidrati ulterjorment fil-mertu. Iżda fi kwalunkwe każ, u dan qiegħed jingħad anke b'riferenza għall-eċċezzjonijiet tas-socjetà attriċi in risposta għal kontro talba tal-konvenut, il-Qorti tikkondividi l-konklużjonijiet tal-perit legali li s-socjetà attriċi bl-ebda mod ma rnexxielha tipprova dak sostnut minnha u ċioè li l-linka konsenjata kienet difettuża.

Marco Zerafa, impjegat mas-socjetà attriċi, jispjega fl-affidavit tiegħu li qabel din il-konsenja ta' din it-tip ta' inka qatt ma tathom problemi. Iżda huwa jikkonferma li għall-istampar tal-kaxxi tal-kumpannija Löwenbrau kienet l-ewwel darba li kienu qegħdin jużaw il-inka tal-kulur blu u gold. In kontro eżami huwa jispjega li l-inka tat-tip VF mixtrija mingħand il-konvenut li hija l-inka li kienet ġiet użata oriġinarjament fuq il-kaxxex tal-kumpannija Löwenbrau, u għaldaqstant dik mertu tal-

kawża, qatt ma kellhom problemi biha qabel. Iżda l-problemi tfaċċaw meta bdew jintuzaw dawn iż-żewġ kuluri ta' inka fuq xulxin.

Fl-affidavit tiegħu Armando Caruana li kien ukoll impjegat mas-socjetà attriċi wkoll jikkonferma li fis-snin li dam hemm dejjem kienu jużaw l-istess l-inka mixtrija mingħand il-konvenut għall-stampar ta' kaxxi ta' ditti differenti u qatt ma kellhom din il-problema. Huwa jgħid ukoll li pruvaw l-inka ta' tip ieħor u ċioè *Nylobag*, u dan fuq suġġeriment ta' rappreżentanti tad-ditta Sericol stess, iżda lanqas din ma kienet tajba. In kontro eżami jgħid illi l-inka intużat kollha.

Fl-affidavit tiegħu, Mario Ellul li kien direttur tas-socjetà attriċi, ukoll jikkonferma li kienu ppruvaw l-inka different iżda li anke din bdiet titqaxxar. Huwa kkonferma wkoll illi l-inka li huma jgħidu li kienet difettuża baqgħet tintuża sakemm ikollhom risposta dwar x'se jagħmlu dwarha mingħand il-konvenut.

Joseph Fenech Soler, rappreżentant tas-socjetà Articrafts Limited, li ġiet *subcontracted* mis-socjetà attriċi sabiex tagħmel l-istampar tal-kaxxi tal-kumpannija Löwenbrau meta s-socjetà attriċi ma setgħetx tlahhaq mal-obligazzjonijiet minnha assunti ta' stampar tal-kaxxi, jikkonferma li huwa kien uża l-inka tad-ditta Sericol mixtrija mingħand il-konvenut u din il-inka ma kienitx titqaxxar minn fuq il-kaxxi li huwa kien stampa għal Löwenbrau.

Finalment, il-Qorti kkunsidrat ukoll l-ittra mibgħuta lill-konvenut minn Kevin Rhodes, ir-rappreżentant ta' Sericol li ġie hawn Malta sabiex jassisti lis-socjetà attriċi bil-problemi li kellhom bil-inka. Rhodes ħejja rapport dettaljat dwar x'kienu l-fatturi li wasslu għall-istampar difettuż fuq il-kaxxi in kwistjoni u l-ebda waħda minn dawn il-fatturi ma hija konnessa ma' xi nuqqas fil-inka, iżda huwa sab illi kien il-proċess ta' stampar u l-ambjent tal-fabbrika li kienu wasslu għad-difetti fl-istampar tal-kaxxi in kwistjoni.

Għaldaqstant, in vista tal-fatt illi (a) jirriżulta li s-socjetà attriċi kienet użat iż-żewġ kuluri ta' l-inka in kwistjoni għall-ewwel darba kif ukoll kienet l-ewwel darba li kien qiegħed isir stampar

ta' żewġ kuluri fuq xulxin, (b) ġiet utilizzata linka differenti iżda xorta waħda baqgħet titqaxxar minn fuq il-kaxxi, (ċ) is-socjetà Articrafts Company Limited għamlet użu mill-istess l-inka mingħajr problemi u finalment (d) ir-rappreżentant ta' Sericol sab nuqqasijiet fil-proċess ta' stampar li kien qiegħed iwassal għad-difetti fl-istess stampar fuq il-kaxxi, il-Qorti hija tal-fehma illi s-socjetà attriċi bl-ebda mod ma rnexxilha tipprova li l-inka in kwistjoni kienet difettuza.

Fir-rigward tal-kontro talba tal-konvenut, il-Qorti jirriżultalha li s-socjetà attriċi qatt ma ċaħdet illi għad hemm xi pagamenti dovuti lill-konvenut għall-prodotti li ġew ikkonsenjati lilha, iżda biss illi d-danni li allegatament soffriet huma akbar mis-somma mitluba mill-konvenut u li fi kwalunkwe każ, l-ammont li huwa dovut lill-konvenut huwa inqas minn dak mitlub fil-kontro talba tiegħu.

Il-konvenut esebixxa kopja tal-kont tal-inka u materjal ieħor konsenjat lis-socjetà attriċi, liema kont jindika l-bilanċ ta' LM6485.25, llum €15,107 li għadu ma tħallasx mis-socjetà attriċi. Kif diġa ngħad, din il-Qorti jirriżultalha li l-inka in kwistjoni ma kienet bl-ebda mod difettuża kuntrarjament għal dak allegat mis-socjetà attriċi. B'żieda ma dan, kemm rappreżentanti tas-socjetà attriċi u kemm il-konvenut jikkonfermaw illi l-inka in kwistjoni ntużat kollha u ma kien hemm ebda prodott kunsinjat lis-socjetà attriċi mill-konvenut illi ġie rritornat. Għaldaqstant, l-ewwel eċċezzjoni tas-socjetà attriċi rikonvenzjonata qiegħda tiġi miċħuda. Fir-rigward tat-tieni eċċezzjoni tagħha, ma jirriżultax illi s-socjetà attriċi rikonvenzjonata ressqet xi prova sabiex ixxejjen dik tal-konvenut fir-rigward tal-ammont dovut għal prodotti konsenjati lilha u fiċ-ċirkostanzi tal-każ, il-Qorti ssib illi ma hemm ebda raġuni għaliex m'għandhiex tilqa' t-talbiet tal-konvenut. Rinfaċċjata bil-kont għal prodotti konsenjati lilha iżda mhux imħallsin minnha, kien jinkombi lis-socjetà attriċi li tgħid għaliex l-ammont mhuwiex dovut kollu, xi ħaġa li assolutament ma għamlitx.

Għar-raġunijet kollha premessi, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi tiċħad it-talbiet kollha tas-socjetà attriċi;

Taqta' u tiddeciedi l-kontro talba tal-konvenut f'ismu u f'isem id-ditta Kelly Imports billi tiddikjara li s-socjetà attriċi hija debitriċi tal-konvenut f'ismu u f'isem id-ditta Kelly Imports fl-ammont ta' ħmistax-il elf, mija u sebgħa Ewro (€15,107) u tikkundanna lis-socjetà attriċi tħallas din is-somma lill-konvenut, bl-imgħax mid-data tas-sentenza.

L-ispejjeż tal-kawża u tal-kontro talba jitħallsu mis-socjetà attriċi.

IMHALLEF

DEP/REG